# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jean Paul Attard)**

**Vs**

**Mahmoud Mustafa Mohammed Aldabah**
(Passaport Libjan Nru. JFGGYH9)

**Illum, 23 ta' Diċembru 2022**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Mahmoud Mustafa Mohammed Aldabah** ta' 26 sena, iben Mustafa u Mufida neè Mahahel, residenti ġewwa The Corner, Sqaq is-Siġra, San Ġwann, detentur tan-numru tal-Pulizija 24619 u/jew tal-passaport Libjan JFGGYH9, imwieled Tripli, Libja nhar is-17 ta' Mejju 1996:

1. Naqas milli jħares xi waħda, u/jew aktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u cioè il-Maġistrat Dr. Ian Farrugia LL.D mid-digriet datat sittax (16) ta’ Diċembru 2021 u li permezz tiegħu huwa ngħata l-benefiċju tal-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet;

Din l-Onorabbli hija mitluba li titratta l-imputat bħala reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-kapitolu 9 tal-Kodiċi Kriminali, meta huwa kien ġie misjub ħati u ikkundannat għall-reati, b’sentenzi ta’ reati maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Din l-Onorabbli Qorti hija mitluba wkoll sabiex id-depożitu u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandhu jiġi kkonfiskat fl-intier tiegħu jew f’parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravita tar-reat, u dan ai termini tal-Artikolu 579 (2) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat illi l-akkużat tressaq taħt arrest quddiem din il-Qorti kif presjeduta nhar it-18 ta’ Diċembru 2022 u li l-kawża ġiet differita għall-provi kollha għas-seduta tal-lum;

Rat illi fis-seduta tal-lum, l-akkużat għarraf lill-Qorti li jrid jirreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu;

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tagħha. Illi fid-dawl ta’ din l-ammissjoni, u bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 370(6), 392A(1) u l-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9, Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk trid, jerġa’ lura minnha.

Kopja Informali ta' Sentenza.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi l-akkużat wettaq diversi ksur tal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, fosthom li sporadikament ma ffirmax il-bail book, ma nformax lill-prosekuzzjoni bi bdil fl-indirizz tiegħu kif ukoll instab barra fil-ħinijiet tar-rinkażar tiegħu.

Illi l-akkużat, madanakollu, ammetta li wettaq dawn ir-reati mal-ewwel kemm mal-pulizija kif ukoll quddiem din il-Qorti.

Illi l-Qorti tqis li l-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest ma jistgħux jittieħdu b'leġġerezza u għandhom jiġu segwiti skrupolożament. Il-kondizzjonijiet imposti minn Qorti fir-rigward tal-ogħti tal-ħelsien qegħdin hemm sabiex jassiguraw bilanċ bejn il-proċeduri penali u d-dritt tal-preżunzjoni tal-innoċenza ta' akkużat. B'dawn il-kondizzjonijiet, akkużat ikun qiegħed jiġi fdat li se jobdi l-liġijiet tal-pajjiż kif ukoll jobdi l-kondizzjonijiet imposti fuqu jew fuqha. Ksur tagħhom ifisser ksur tal-fiduċja li l-Qorti u l-Istat Malti qiegħed ipoġġi f'ħoġor l-akkużat jew akkużata.

Illi b'hekk, il-Qorti tqis li għalkemm piena karċerarja effettiva hija idonea f'dawn iċ-ċirkostanzi, l-istess ċirkostanzi ma jimmeritawx il-konfiska tal-intier tal-garanzija hemm mogħtija, iżda biss parti mill-istess garanzija.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50 u 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu,

qed issib lil **Mahmoud Mustafa Mohammed Aldabah <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u tikkundannaħ għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva.

Illi b'żieda ma dan, il-Qorti qed tordna li l-ammont taħt garanzija, għandu *in parte* jiġi konfiskat a favur tal-Gvern ta' Malta u dan limitatament għas-somma ta' ħames mitt Ewro (€500).

**Ft. Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**